# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Nru. 1712

Kaz Nru. 2310/AC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Joseph Tonna
u
Cassar Ship Repair Ltd.
(Co Reg No C6929)

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

Illum l-24 ta' Lulju 2006

**Chairman : Is-Sur Alphonse Caruana**

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permess ta' Dikjarazzjoni fir-Registru tal-Qorti Superjuri f'isem Joseph Tonna mill-Avv. Noel Camilleri u l-Avv. Marion Camilleri

Is-Sur Joseph Tonna li kien assistit mill-Avv. Marion Camilleri aktar 'l quddiem jissejjah l-appellant. Ghas-socjeta appellata aktar 'l quddiem tissejjah is-socjeta deheru s-Sur Alphonse Saliba, Company Secretary u s-Sur Anthony Cassar, Chairman tal-Kumpanija assistiti mill-Avv. Victor Borg Grech.

It-Tribunal zamm seba' seduti.

**Stqarrija tal-Kaz**

L-appellant jghid illi fl-Erbgha , 11 ta' Mejju 2005 ghal habta tas-1.00pm kellu ncident fuq il-post tax-xoghol tieghu, Cassar Ship Repair Limited, fejn weggha ghajneh il-leminija b'*pipe* ta' l-i*spray* waqt li kien inaddaf magna. Il-*pipe* kien instadd u bil-pressa tar fuq ghajnejh. Kien liebes l-ilbies kollu u cioe kien libes in-nuccali provdut lilhom kif ukoll il-*helmet*. Mar ikellem lil Chris Cassar, is-*safety officer* tal-kumpanija u qallu li kien wegga, talbu jiehdu l-poliklinika peress illi kien qed jara hafna cpar u ma seta' jara xejn. Mar il-poliklinka ta' Rahal il-Gdid fejn it-tabib qallu biex jghatti ghajnejh u ma jikxifiex, ordnalu ngwent u li jidhol ghax-xoghol is-Sibt 14 ta' Mejju. Il-Gimgha, 13 ta' Mejju mar ghand it-tabib privat tieghu, Dr. Fenech u wara li nvistah qallu biex imur malajr b'urgenza l-isptar u dan peress illi kellu barxa f'ghajnejh. L-isptar invistah l-Professur ta' l-ghajnejn Dr. Pierre Farrugia fejn qallu li kien messu mar l-isptar hafna qabel ghax id-daqqa f'ghajnejh kienet dahlitlu l-gewwa hafna u ordnalu biex jibda imur ghal vista l-isptar kuljum.

Nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju, mar jarah id-dar it-tabib tax-xoghol u qallu li kien suppost irraporta lura ghax-xoghol. Sostna illi ma setax jidhol ghax-xoghol b'ghajneh kif kienet ma kien qed jara xejn hlief cpar. Kien infurmah illi qed ikollu jmur l-isptar ghal visti ta' ghajneh kuljum, jigifieri it-tabib ta' l-isptar ma kienx ghadu licenzjah.

Fit-23 ta' Mejju, rega mar jarah it-tabib tax-xoghol id-dar tieghu u staqsieh meta diehel ghax-xoghol. Rega qallu illi qabel ma jigi licenzjat mill-isptar ma kienx diehel lura ghax-xoghol. Fit-30 ta' Mejju rega mar jarah id-dar it-tabib tax-xoghol u qallu li suppost kien dahal ghax-xoghol, qallu illi t-tabib tal-isptar Dr. Farrugia kien ghadu ma llicenzjahx u li l-ghada kellu vista ohra l-isptar fis-7.15am. Meta l-ghada mar l-isptar ghal vista ra lit-tabib tax-xoghol fejn dahal hdejn it-tabib tal-isptar u meta hareg qallu li l-lum se jarah tabib iehor. Wara li spicca mill-isptar

mar il-post tax-xoghol ghal-habta tad-9.15am kien rah il-*foreman* u spiegalu li kienu t-tobba stess li ccertfikawh tajjeb ghax-xoghol. Kien talab lil-*foreman* biex l-ghada jghatieh gurnata frank peress li kellu bzonna ghal ragunijiet personali, il-*foreman* qallu biex imur id-dar u jiehu dak in-nofs ta' nhar off ukoll, liema gurnata inqatatlu mill-paga tieghu.

Fil-31 ta' Mejju, l-kumpanija bghatitlu ittra fejn infurmatu illi kien qed jigi sospiz mix-xoghol ghal sebat ijiem sakemm isiru l-investigazzjonijiet mehtiega. Fl-ittra qalulu illi kien naqas li jattendi ghax-xoghol. Qalulu wkoll illi martu ingurjat lil *foreman* bit-telefon, izda hu jghid li dan mhux minnu. Rigward it-telefonata li saret minnu lit-tabib jghid illi qatt ma gheddu.

Isostni illi qatt ma kellu ebda problema fuq il-post tax-xoghol tant illi qatt ma ittiehdu l-ebda forma ta' passi dixxiplinarji kontra tieghu. Spiega illi ghadu jbatil l-konsegwenzi ta' dan l-incident sa l-gurnata ta' llum, tant illi sar kostrett jahdem fuq gewwa u dan ghaliex ix-xemx ma jistax jissaportieha minhabba ghajnejh. Barra minhekk se jkollu jaghmel operazzjoni ghaliex hargulu l-katarretti meta qatt ma baghata minnhom qabel l-incident.

Kien ilu jahdem mal-kumpanija ghal dawn l-ahhar tnax(12)-il sena bhala *general labourer*, kien jaghmel kollox anke dak li strettament ma kienx xogholu. Isostni illi t–tkeccija tieghu mix-xoghol kienet wahda ngusta meta dejjem kellu relazzjonijiet tajba, infatti l-anqas biss baghatu ghalieh biex jghati l-verzjoni tieghu.

Is-socjeta appellata tghid illi d-dikjarazzjoni ta' l-appellant hija skeletru tal-verita nieqsa mill-elementi essenzali li jghatu sens lil dak li sar u li gara. Illi fil-11 ta' Mejju 2005 (m'hux fil-11 ta' Gunju 2005 kif erroneament indikat fid-dikjarazzjoni ta' l-appellant) l-appellant wegga f'ghajnejh kif jidher mill-Accident Report tas-Safety Officer. L-appellant hareg fuq *injury leave* u saret applikazzjoni ghall-beneficcju ghall-korriment.

L-appellant rega kien tajjeb ghax-xoghol fis-26 ta' Mejju 2005 kif jidher mic-certifikat tat-tabib tal-kumpanija Dr S. Zammit li juri illi din kienet ukoll decizjoni tat-tabib tal-Isptar Dr. Pierre Farrugia, Ophtamology Department. Jidher ukoll mill-istess certifikat li l-appellant oggezzjona li jirritorna ghax-xoghol. Fil-fatt qallu li kien kollu minhabba fih li kien se jitlef hamest ijiem paga. L-appellant rega' irraporta ghax-xoghol fil-31 ta' Mejju 2005. Illi l-mara ta' l-appellant kellmet fuq it-telefon lill-*foreman* tal-kumpanija u ngurjatu u akkuzatu li kien qieghed jaghmel konfoffa kontra zewgha. Illi l-kumpania nfurmat lill-appellant illi kien qed jigi sospiz ghal sebghat ijiem sa kemm taghmel l-investigazzjonijiet mehtiega.

Fl-10 ta' Gunju 2005 il-management tal-kumpanija ltaqa' biex jiehu decizjoni dwar l-impieg ta' l-appellant. Waqt din il-laqgha, qabel ma kien ghadu wasal l-istadju li tittiehed declizjoni, waslet notizja li l-appellant kien gie ghal "ktieb tax-xoghol", Il-management assigura ruhu li dan kien il-kaz u billi dan kien ifisser li kien l-appellant stess li kien qed jitlob terminazzjoni ta' l-impieg. Il-*management* accetta t-talba ta' l-appellant u ha decizjoni li jitterminalu l-impieg. Peress li l-gurnata kienet il-Gimgha l-appellant gie avzat biex jiritorna t-Tnejn ta' wara u jsib kollox lest. Fit-13 ta' Gunju 2005 giet konsenjata lill-appellant ittra datata 10 ta' Gunju 2005 tat-terminazzjoni ta' l-impieg.

**Xhieda**

Xhud is-Sur Anthony Cassar, Chairman tal-Kumpanija, qal illi fl-10 ta' Gunju kienu qed jiddiskutu f'laqgha tal-Management tal-Kumpanija biex is-Sur Joe Tonna jigi tterminat minhabba li hemm ragunijiet validi imma d-decizjoni kienet ghada ma ttehditx. Is-Sur Joe Tonna kien mar ghall-ktieb tax-xoghol u kien qallhom biex jghatuh il-ktieb u l-problema solvuta waqt illi kienu ghadhom ma hadux decizjoni.

Fuq mistoqsija dwar ir-ragunijiet li ghalihom jigi tterminat, qal illi ma jistghux jaccettaw li *foreman* jigi aggredit mis-Sinjura tas-Sur Tonna. It-tieni illi ma

jaccettawx li t-tabib tal-kumpanija jigi rikattat ghaliex sempliciment ghamel dmiru. Qal illi ilu fin-negozju seba u tletin sena u dan il-kaz huwa t-tieni wiehed li kellu matul il-hajja fin-negozju.

Ix-xhud qal li huma kienu tawh gimgha suspensjoni biex jiddeciedu. Il-legali ta'l-appellant staqsitu kif jispjega l-fatt li fit-8 ta' Gunju l-appellant gie infurmat li ghandu *bad news* ghax ma jriduhx izjied, ix-xhud qal li hu personali qatt ma tah terminu, sostna illli sa dik il-gurnata stess kien ghadu ma hax decizjoni tat-terminu tieghu.

Xhud Dr. Victor Borg Grech, Avukat tal-Kumpanija, qal illi kien prezenti fil-laqgha tal-*management* ta' l-10 ta' Gunju 2005. Il-*management* kien qieghed jinvestiga jekk il-kuntratt ta' *employment* ta' Tonna ghandux jigi tterminat. Ir-raguni kienet illi kien hemm hafna attwalment tgergir kontra Tonna matul dan l-ahhar snin. Tonna kien wegga ricentament u meta t-tabib wara li gie imfejjaq b'certifikat li huwa dak li kellu *healed* kellu jattendi ghax-xoghol fis-26 ta' Mejju 2005 fil-fatt dana m'attendiex ghax ried jibqa barra ghal xi raguni personali tieghu. Fil-31 ta' Mejju il-*management* ha d-decizjoni illi jissospendieh ghal seba' tjiem biex jinvestigaw il-kaz tieghu.

Qal illi waqt li kienu f'laqgha jiddiskutu t-*termination* ta' l-*employment* tieghu minghajr ma kienu ghadhom waslu ghad-decizjoni giet risposta mir-*reception* illi Tonna gie biex jiehu l-ktieb tax-xoghol. Tonna iprecipita' d-decizjoni li jigi tterminat, dan kien il-punt principali tal-kaz.

Fuq mistoqsija mill-legali ta' l-appellant ix-xhud qal illi l-kumpanija nvestigat bir-reqqa l-kaz tieghu, jidrilha li l-kaz tieghu f'dawn l-ahhar snin huwa kkunsidrat bhala mhux sodisfacenti u ghalhekk m'huwiex accettabli u ghaldaqstant l-impieg qieghed jigi tterminat b'effett mill-10 ta'Gunju 2005.

Xhud Alphonse Saliba, Segretarju tal-Kumpanija, qal illi kienu qed jiddiskutu l-kaz ta' Tonna u waslet l-informazzjoni illi Joe Tonna gie ghall-ktieb tax-xoghol. Qal ukoll illi minhabba li huwa jaf ezattament il-proceduri u peress illi kienet il-Gimgha qalu lill-Tonna li jippreparawlu kollox u nhar it-Tnejn it-13 ta' Lulju ikun jista' jigi u jehodhom, jiehu l-ktieb tax-xoghol, jiffirma l-formola u jiehu l-flus dovuti lilu. Spiega illi fill-formola nizzlu r-raguni ta' tkeccija minhabba d-dixxiplina, l-appellant ma iffirmaiex ghax ried jurija lill-Avukat tieghu.

Fuq mistoqsija ghala meta mar hu jitlob il-ktieb tax-xoghol nizlulu tkeccija minhabba dixxiplina, ix-xhud qal illi l-appellant kien ghadu under *suspension*.

Xhud Dr. Stephen Zammit MD qal illi l-appellant kien wegga l-ewwel mar il-*polyclinic* u wara mar l-isptar fejn qalulu li ghandu barxa f'ghajnejh li ovvjament kellu bzonn certu kura, kien imur jarah u jiccertifkah sa kemm kien imur l-*ophthalmic department* fejn kien qed jarah Dr. Pierre Farrugia sa kemm ovvjament fieqet u baqa ma dahalx ghax-xoghol. Kien kellem lill Dr. Pierre Farrugia fis-26 ta' Mejju 2005 fuq il kundizzjoni tas-Sur Tonna u qallu li l-kornja kienet ghalqet kompletament u setgha jirritorna ghax-xoghol. Ghax-xoghol ma rritornax il-Hamis u l-Gimgha . L-appellant qallu illi kien ghadu mhux tajjeb u t-Tnejn kellu appuntament l-isptar. L-ispecjalista sabu tajjeb u jista' jmur ghax-xoghol.

Ix-xhud qal li kienu zewg tobba ta' l-isptar li sabuh tajjeb u jista' jirritorna ghax-xoghol. Ix-xhud spiega illi jekk il-haddiem ikun liebes ilbies protettiv li suppost jilbes fuq il-post tax-xoghol ovvjament dan il-likwidu li tar li minghalieh kien *tinner* ovvjament ma kienx jolqtuh f'ghajnu, imma kien jolqot il-maskla jew in-nuccali protettiv li seta kellu. Pero qal ix-xhud illi sa fejn jaf hu ma kienx liebes ilbies protettiv ghax jekk jiftakar sew qallu hu stess li ma kienx liebes l-ilbes protettiv.

Xhud Ms Grace Zahra qalet illi Tonna kien gie l-Gimgha u qallha biex tghatieh il-ktieb tax-xoghol, qaltlu biex jmur it-Tnejn biex jippreparawlu t-tmiem ta' l-impieg,

il-formola u jahdmulu l-pagi. Mar it-Tnejn u s-Sur Alphonse Saliba tah il-pagi u t-*termination form* pero ma ffirmahiex. Qalet ukoll illi meta kien gie kienet staqsiet lis-Sur Alphonse Saliba u kien qallha biex tghidlu jigi t-Tnejn.

Xhud is-Sur Carmelo Cachia, *General Foreman*, spiega kif huwa x-xoghol tieghu fuq il-haddiema. Mistoqsi dwar l-appellant jekk kienx jaghmel xogholu sew qal li huwa jista' jghid illi Joe Tonna kieni ihobb kwazi jiehu l-affarijiet bic-cajt, kull darba li tigbidlu l-attenzjoni qisu jirrepeti warajk u jipprova jbaxxik qisu jwaqhekk ghac-cajt. Kienet ta' kull filghodu dejjem ikelmu u jghidlu isma Joe mhux hekk jew hemmhekk suppost mort jew ghaliex ma gibtlux dik u diversi punti ohra simili.

Xhud is-Sur Joseph Vassallo, *Handyman*, mistoqsi mill-legali ta' l-appellant jekk l-appellant kienx liebes in-nuccali protettiv qabel sehh l-incident, qal li qabel kien bin-nuccali. Qal illi n-nuccalijiet protettivi dejjem kienu pprovduti mill-kumpanija.

Xhud is-Sur Joe Camilleri, *Technical Consultant*, qal illi jkollu diversi problemi mal-haddiema imma meta jkunu serji dejjem jikkonsulta lill-*Managing Director*. Qal illi Tonna kien cempillu u staqsieh jekk it-Tnejn jidholx ghax-xoghol u qallu li hemm xi ntopp, talbu biex itieh ftit cans biex jara u jcempillu lura.

Meta kkonsulta mal-*Managing Director* tieghu u staqsieh jekk hemmx xi ntopp fuq JoeTonna qallu biex dan ma jidholx; dak ghamel ghat-tabib, la ghamel hekk huwa perikoluz biex ghamel ghat-tabib u hawn ma jridux aktar.

Ix-xhud qal illi kien qal lil Tonna li ghamel ghat-tabib u mid-dehra inti spiccajt minn hawn. Is-Sur Cassar qallu, "ahna ghadna ma hadniex id-decizjoni" .

Xhud Dr. Pierre Farrugia qal illi Tonna kellu brix fuq in-naha ta' barra ta' ghajnejh, fuq il-kornja ta' l-ghajn il-leminija hu kien rah fit-13 ta'Mejju 2005 u l-*injury* kienet saret xi jemejn qabel. L-ahhar li kien rah kien fil-25 ta' Mejju 2005 fejn it-tbengila kienet ghadha hemmhekk pero il-barxa kienet fieqet kompletament.

Fuq mistoqsija mill-legali tas-socjeta illi wiehed jkun liebes in-nuccali protettiv kif ghandu jkun, jista' jkollu, jidhollu dak il-gwaj f'ghajnejh? Ix-xhud qal, "nimmagina li kieku kien liebes nuccali protettiv, anke jekk ikun hemm *injury*, tkun hafna inqas milli kieku ma jkunx liebes nuccali."

Xhud l-appellant qal li kien ilu tnax il-sena jahdem mas-socjeta u kien *General Labourer* spiega kif sehh l-incident meta kien lesta mill-i*spray* qala' l-*gun* u beda jnaddaf il-magna u beda jghattiha bit-*tinner*. Il-*pipe* waqaf ghax instadd, kien qieghed kokka jzomm il-*pipe* f'idu u sakemm qam il-*pipe* tajjar go ghajnejh fil-fatt kien ghadu bin-nuccali. L-ewwel mar il-*Polyclinic* wara ra t-tabib privat tieghu Dr. Frans Fenech fejn bghatu l-isptar, wara li ghamel xi granet ta' kura kif kien mehtieg mar ghax-xoghol wara li kien spicca mill-isptar ra lill-*Foreman* Carmelo Cachia u talbu li ghada jehoda *leave*, il-*foreman* bghatu lura bil-*leave.*

Fit-8 ta' Gunju 2005 waqt li kien ghadu sospiz cempel lis-Sur Joe Camilleri, *Technical Manager*, biex jara x'sejjer jaghmel meta jmissu li jidhol it-Tnejn ghax-xoghol. Is-Sur Camilleri qallu li ghandu *bad news* ghax is-Sur Tony Cassar ma jiridhekx hawn. L-appellant qal illi hu qatt ma kellu nkwiet fuq ix-xoghol la mas-superjuri tieghu u l'anqas ma shabu.

Jumejn wara mar ghall-ktieb tax-xoghol u minhabba li ma kellux kollox lest talbuh biex imur it-Tnejn ta' wara peress li kien il-Gimgha. Meta mar it-Tnejn sab illi kien imkecci.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-appellant kien ilu tnax il-sena impjegat mas-socjeta appellata. L-impieg tieghu kien dak ta' *General Labourer*. Kien korra fuq ix-xoghol fl-11 ta' Mejju 2005 waqt li kien lesta mill-isprejjar u kien qed inaddaf il-magna intlaqat f'ghajnejh. Mar l-isptar fejn gie kkurat sa kemm il-barxa li kellu fil-korneja ghalqet.

Is-socjeta appellata tghid illi l-appellant kien wegga f'ghajnejh fil-11 ta' Mejju 2005 u li kien tajjeb ghax-xoghol fis-26 ta' Mejju 2005 kif jidher mic-certifikat ta' Dr. S. Zammit, it-tabib tal-kumpanija. Tghid ukoll is-socjeta illi l-mara ta' l-appellant kellmet fuq it-telefon lill-*foreman* tal-kumpanija u ngurjatu u akkuzatu li kien qieghed jaghmel konfoffa kontra zewgha.

Is-socjeta appellata tghid illi l-appellant kellu diversi nuqqasijiet ohra u s-Sur Anthony Cassar xehed illi l-appellant kien mar ghall-ktieb tax-xoghol waqt li kien f'laqgha tal-*management* tal-kumpanija liema laqgha kienu sejrin jiddiskutu l-kaz ta' l-appellant. Is-Sur Cassar qal li qallhom biex jaghtuh il-ktieb u b'hekk ikun solvut il-kaz tieghu.

Kien ghalhekk mehtieg illi jigi ezaminat jekk l-appellant tkecciex mill-impieg tieghu jew telaqx minnrajh. Matul is-smieh tal-kaz gie ttrattat il-kaz tal-korriment ta' l-appellant liema korriment kien illi wegga ghajnejh. Xhedu t-tabib Stephen Zammit u t-tabib Pierre Farrugia fejn taw spiegazzjoni dettaljata dwar dak li ghadda minnu l-appellant waqt li kien taht il-kura taghhom. Xhedu wkoll ufficjali tas-socjeta appellata li huma, is-Sur Anthony Cassar, *Principal* u *Chairman* tal-Kumpanija, l-Avukat Victor Borg Grech, Avukat tal-Kumpanija, is-Sur Alphonse Saliba, Segretarju tal-kumpanija, is-Sur Carmel Cachia, *General Foreman*, is-Sur Joe Camilleri, *Technical Consultant,* Ms. Mary Grace Zahra, Joseph Vassallo u l-appellant.

Is-socjeta appellata ibbazat il-kaz taghha primarjament fuq il-fatt illi l-appellant mar fl-10 ta' Gunju 2005 u talab il-ktieb tax-xoghol, tant illi bl-agir tieghu wera li hu kien lest li jaccetta t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu u ghalhekk saret bil-kunsens tieghu stess. Gie trattat ukoll il-kaz ta' meta l-appellant kien wegga f'ghajnejh u ma kienx liebes in-nuccali protettiv provdut mill-kumpanija, u illi ma dahalx ghax-xoghol meta kien rikoverat.

Punt iehor lli resqet is-socjeta appellata kien illi l-appellant kien gie sospiz mill-management milli jattendi ghax-xoghol ghal seba' tijiem sabiex jigi nvestigat il-kaz tieghu. Giet ukoll pprezentata ittra mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz datata 10 ta' Gunju 2005 bil-firma tas-Sur Anthony Cassar bhala "Dok. G" li tghid, "*Sur J. Tonna. Il-Kumpanija Cassar Ship Repair Ltd. tirreferik ghal-ittra li baghtitlek nhar il-31 ta' Mejju 2005 fejn kont gejt avzat li kont qieghed tigi sospiz mix-xoghol ghal sebat ijiem sakemm isiru l-investigazzjonijiet mehtiega.*

*Il-Kumpanija, wara li investigat bir-reqqa l-kaz tieghek, jidrilha li l-atteggjament tieghek f'dawn l-ahhar snin huwa kkonsidrat bhala mhux sodisfacenti u ghalhekk mhux accetabbli u ghaldaqstant qiegheda permess ta' din l-ittra tinfurmak li qieghda titerminalek l-impieg b'effett mil-10 ta' Gunju 2005.*

*Ma' din l-ittra qieghedin jigu memuza zewg cekkijiet li l-valur taghhom jammonta ghal Lm315.13 li jkopru l-paga sa l-10 ta' Gunju 2005, granet ta' vacation leave mhux mehuda sa l-istess data flimkien ma l-ekwivalenti pro rata tal-bonuses stipulati mil-Gvern. Iffirmata Tony Cassar Chairman."*

Hemm ukoll il-formola ta' l-ETC data 10/06/2005 illi tghid illi "Tkecca b'dixxiplina" din il-formola mhix iffirmata mill-appellant.

Jirrizulta mill-provi illi l-appellant mar ghal ktieb tax-xoghol minrajh izda huwa mportanti wkoll illi jigi ezaminat x'gghalu u x'wasslu jghamel hekk. L-appellant kien taht zmien ta' sospenzjoni u kien anke infurmat mis-Sur Joe Camilleri, *Technical Consultant*, illi s-Sur Anthony Cassar qallu, "*hawn ma jidholx, dak ghamel ghat-tabib u la ghamel hekk huwa perikoluz u hawn m'irridux aktar."*

Ikkonsidrati dawn il-punti kollha t-Tribunal jara illi l-appellant naqas meta mar bla ma kien mitlub ghal ktieb tax-xoghol pero fl-istess waqt is-socjeta appellata fl-ittra taghha ta' l-10 ta' Gunju 2005 ma tghamel ebda referenza ghat-talba li ghamel l-appellant ghal ktieb tax-xoghol. Is-socjeta appellata injorat ghal kollox il-fatt illil-

appellant kien mar ghall-ktieb tax-xoghol. Fl-ittra taghha tal-10 ta' Gunju 2005, fit-tieni paragrafu tghid, "*Il-Kumpanija, wara li nvestigat bir-reqqa l-kaz tieghek*" ecc. ecc.

It-Tribunal jasal ghal konkluzzjoni illi ghalkemm l-appellant mar minnrajh ghal ktieb tax-xoghol, is-socjeta appellata minn naha taghha ma waqfitx hemm kif setghat ghamlet, izda kompliet isostni l-kaz kif derilha li kellha taghmel u harget l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impieg fl-10 ta' Gunju 2005 u iffirmat il-formola ta' l-ETC bhala, "Tkeccija b'dixxiplina".

**Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-partijiet, ra u ezamina x-xhieda prodotta, ra t-Trattazzjoni finali tal-partijiet, ra d-dokumenti esebiti, jaqta u jiddecidi dan il-kaz billi jsib illi t-tkeccija mill-impieg ta' l-appellant ma kinetx wahda gusta u sufficjenti.

Ma jarax illi fic-cirkustanzi huwa rakkomandibbli illi l-appellant ghandu jerga jiehu l-post izda illi jinghata kumpens fis-somma ta' elfejn sitt mijja u sebghejn lira Maltin (Lm2,670). Dan il-kumpens ghandu jithallas f'zmien erba' gimghat mid-data tad-decizjoni.

Ghall-fini ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fis-somma ta' Lm40.00 kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

______________________

**Alphonse Caruana**
**Chairman**